# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**L-Imqabba Local Council**


**Minuti tal-10 laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 03 ta' Frar 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**10.01 Talba**

10.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**10.02 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

10.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**10.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 09**

10.03.01 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar minuta numru 09.06.01 fejn tniżżel biss li l-Viċi Sindku kien l-unika li ma qabilx mal-persentaġġ li għandu jingħata lis-S.E. bħala *Performance Bonus*. F'din il-minuta ried jitniżżel ukoll li dak il-ħin ittieħed anke vot u ġew 4 kontra 1. Is-Sindku kompliet li r-raġuni li l-Viċi Sindku ma qabilx mas-6% kienet għax fl-opinjoni tiegħu persentaġġ baxx iqisu bħala kastig lill-impjegat, iżda mhux għax ma rrikonoxxix li kien hemm xi nuqqasijiet.

10.03.02 Il-Minuti tal-laqgħa numru 09 ġew approvati unanimament. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**10.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.04.01 Is-Sindku infurmat li d-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, lesta l-bankina ta' Triq il-Friefet. Hija kompliet li l-istess Dipartiment beda x-xogħol fuq l-estensjoni tal-bankina eżistenti fi Triq tas-Sejba sabiex tkun tista' ssir *ż-zebra crossing* kif approvata minn TM. Ix-xogħol jinsab temporanjament wieqaf sakemm jiġi kkonfermat meta l-iktar kmieni possibbli l-Uffiċjali tal-LESA jistgħu jassistu fl-immaniġġjar tat-traffiku waqt l-imsemmi xogħol fejn jinħtieġ li ssir trinka f'nofs it-triq biex tkun tista' titqabbad *iż-zebra crossing*. Is-Sindku rringrazzjat lis-Segretarju Parlamentari l-Onor Omar Farrugia, għaliex l-imsemmija *zebra crossing* se tkun qed issir ukoll mil-*Public Works* u għas-spejjeż tagħhom u mhux tal-Kunsill. Is-Sindku infurmat ukoll li bħalissa qed isiru *surveys* kif ukoll qed jinħadmu l-*BOQs* sabiex isiru mill-ġdid il-bankini ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dan ix-

xogħol se jsir ukoll mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

10.04.02 Is-Sindku infurmat li l-Pjazza tal-Knisja reġa' kellha bżonn il-manutenzjoni fuq il-pavimentar, fejn dan qed isir mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi. Hija kompliet li x-xogħol għaddej bla problemi fejn it-traffiku qed ikun jista' jibqa' għaddej għaliex il-Pjazza mhux qed tingħalaq kompletament waqt ix-xogħol. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.03 Rigward Triq Baskal Xuereb, is-Sindku infurmat li hija tkellmet mal-Perit ta' IM dwar ir-rampa li hija rrikonoxxiet li ma ġietx tajba u li ser titranġa mill-kuntrattur. Madanakollu, minkejja li s-s-S.E. bagħtet *email* lill-istess Perit rigward il-problema tal-ilma li se jferra għal ġo Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, hija ma weġbitx dwaru. Fuq din tal-aħħar kien hemm qbil li ser terġa' tintbgħat tfakkira lill-Perit f'dan ir-rigward.

10.04.04 Is-Sindku tkellmet dwar il-problemi li dan l-aħħar kien qed ikollna fir-rigward tal-knis u tindif tat-toroq. Wara laqgħa li hija kellha mad-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing Department*, ġie deċiż li għandhom jinbidlu l-ħaddiema li kienu assenjati fil-lokal tagħna. Illum għandna grupp ġdid ta' ħaddiema, kompost minn 4 kenniesa u *supervisor*, li fl-opinjoni tagħha u kif kulħadd jista' jinnota, dawn qed iwettqu xogħlhom tajjeb. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.05 Rigward is-*CCTVs* li ġew installati fosthom fil-Pjazza tal-Knisja, is-Sindku infurmat li issa twaħħlu wkoll il-*warning signs* tagħhom. Mill-informazzjoni li hija ingħatat mir-Reġjun Punent, l-infurzar mil-LESA permezz ta' dawn is-*CCTVs* se jibda iminentement, però mhux qabel il-lokalitajiet kollha jkollhom kollox installat. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.06 Is-Sindku infurmat li hija kienet qiegħda f'kuntatt ma' Infrastruttura Malta rigward il-parti tat-triq fi Triq tas-Sejba li niżlet, fejn mill-istess IM ingħata ftit *tarmac* b'mod temporanju, sakemm isiru *water detections* għaliex x'aktarx li hemm xi *water leak* li huwa l-kaġun li qed tinżel it-triq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.07 Is-Sindku tkellmet dwar l-iskema SPI-SCI-04-2024 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali, li l-Kunsill Lokali applika għaliha u se jkun qed jibbenefika l-fondi minnha. Permezz ta' din l-iskema ser tkun qed issir xatba fl-entratura tal-Ġnien tal-Mentna kif ukoll manutenzjoni fuq il-funtana tal-istess ġnien u manutenzjoni oħra skond il-ħtieġa. Is-Sindku semmiet skema oħra - SPI-SCI-08-2024 – Espressjoni ta' Interess-Finanzjament Karnival 2025 – li minnha wkoll, il-Kunsill se jibbenefika minn fondi u ser ikun qed itella' attività tal-Karnival. Din l-attività se tkun Sfilata, Wirja u Party għat-Tfal Imqabbin, u ser tittella' nhar is-Sibt 01 ta' Marzu 2025 bejn is-2:00pm u l-5:00pm fl-Iskola Primarja tal-Imqabba. F'din l-attività se jkun hemm *sound* u dawl, *entertainment* għat-tfal, esebiti ta' biċċiet minn karrijiet tal-Karnival, se nisselfu l-*boards* mir-Reġjun Punent, u se jkun hemm *catering* u rigali, fosthom il-prinjolata tradizzjonali għat-tfal. Il-*poster* tal-attività huwa lest u se jkun qed jiġi mqassam fil-ħwienet u fin-*notice boards* kif ukoll se jitla fuq il-Paġna ta' *FB* tal-Kunsill biex jiġi xxerjat ukoll. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.08 Is-Sindku infurmat li l-Assistent Uffiċjal Prinċipali, Ms Marilyn Ellul, tat ir-riżenja tagħha minħabba raġunijiet familjari, fejn l-aħħar ġurnata ta' mpjieg tagħha mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba, se tkun nhar il-Ġimgħa 14 ta' Frar 2025. Il-Kunsillieri qablu unanimament li għandha toħroġ il-vakanza għall-post ta' "Administration Officer I" fi Skala 11 u skond l-

aħħar Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali li ġie iffirmat f'Jannar 2025, ġaladarba l-Kunsill għandu l-fondi biex iħallas is-salarju b'mod indefinit.

10.04.09 Is-Sidku ġibdet l-attenzjoni sabiex meta r-residenti jirrappurtaw xi każijiet mal-Kunsillieri, speċjalment każijiet li jkunu relatati ma' Pulizija, jiġi vverifikat sew il-każ qabel ma tittieħed azzjoni fuqu. Dan għaliex ġieli qed jinqalgħu konsegwenzi oħra jekk eżempju l-każ ikun ilu xi ftit li seħħ jew forsi l-istess residenti jkabbru xi ftit il-każ bla bżonn u/jew b'xi impika u oħrajn. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.10 Għall-okkażjoni ta' Jum il-Mara, is-Sindku qalet li ser torganizza Afternoon Tea bħalma jsir kull sena, u dan se jsir nhar id-9 ta' Marzu 2025 fl-Iskola Primarja mis-2pm 'l quddiem. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.11 Is-Sindku semmiet il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Kumitat tal-Każin tal-Futbol, li kienet waħda pożittiva, fejn kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jikkolabora magħhom kif jista', kif fil-fatt diġà qiegħed jagħmel. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.12 Is-Sindku tkellmet dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-kumpanija ADI dwar ir-rapport tekniku rigward Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Hija kompliet li jekk IM ma ddumx ma' tipprovdi l-pjanta tal-proġett ta' Triq il-Konvoj lill-ADI, x'aktarx li r-rapport ikun lest sal-aħħar ta' Frar 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.04.13 Is-Sindku infurmat li l-Perit tal-Kunsill marret tara l-latrina pubblika ta' Ġnien Tfal ir-Raħal u kkonfermat li huwa possibbli li din tinbidel fi *store*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**10.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

10.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa jekk għandnix nibdew naħsbu għall-istimi minn issa jekk għall-Milied li ġej se jiżdiedu l-festuni fit-toroq. Fuq din kien hemm diskussjoni u qbil mill-Kunsillieri li għandna nġibu l-istimi, anke tal-*holders water tight* sabiex jinbidlu dawk mal-fistuni eżistenti.

10.05.02 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar ir-rampa biswit il-*bus stage* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija k.m. Triq Baskal Xuereb. Is-Sindku reġgħet spjegat li filwaqt li huwa minnu li kien hemm xi *delay* fix-xogħlijiet, għaliex infurmawha dwaru anke minn IM, ir-rampa msemmija ma ġietx ċertifikata u ser tiġi rranġata biex tkun iktar aċċessibbli. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.03 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk konniex infurmati b'attività li riċentement ittellgħat fil-Kulleġġ San Bendedittu, u li kienet miftuħa għal kulħadd. Huwa xtaq li kieku attenda u talab biex għall-futur jekk ikun hemm attivitajiet simili, għandha tiġi ċċirkulata l-korrispondenza. Is-Sindku infurmatu li hi rċeviet stedina formali bħala Sindku.

10.05.04 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk għandnix xi rispons dwar it-trinka ta' *drainage house connection*, li tħalliet miftuħa għal xhur sħaħ fi Triq il-Qattara. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-avukati, Dr Dean Hili u Dr Rachel Powell, dwar dan il-każ. L-istess Dr Hili intervjena wkoll f'komunikazzjoni li ntbagħtet mis-S.E. lil TM minħabba li ma riedux jgħaddulna informazzjoni relatata mar-*road work permit*. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dan u kien hemm qbil li għandna nżommu kuntatt mal-avukat sabiex infittxu nagħlqu dan il-każ minħabba l-periklu li hemm.

10.05.05 Il-Kunsillier Galea, li kien wieħed mill-membri tal-*group chat* li kien ġie kkrejat fil-bidu ta' din il-leġiżlatura a fini ta' komunikazzjoni iktar malajr bejn il-Kunsillieri, aċċetta li jerġa' jsir parti mill-istess *group chat*, wara li minn jeddu kien ħareġ miċ-*chat* għal raġuni ta' xi diżgwit li kien hemm fil-bidu. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.06 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk irċevejnix risposta dwar it-tressiq tal-venda minn Triq Karmenu Ciantar għal Triq il-Qrendi. Is-Sindku infurmatu li s'issa għad m'għandhix risposta, però jaf ikollha xi informazzjoni wara laqgħa li għandha mas-*CEO* ta' TM nhar is-17 ta' Frar 2025. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.07 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk għandnix rispons mill-Pulizija dwar infurzar fuq tabella tat-triq li hemm fi Triq Santa Marija waqt il-ħinijiet tal-Mużew tas-Subien. Is-Sindku qalet li hija infurmat lill-Pulizija dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota.

10.05.08 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar id-dawl ġdid fi Triq Baskal Xuereb. Is-S.E. infurmatu li l-lampa ġiet ordnata mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku kompliet li l-lampa se tiġi nstallata ma' arblu eżistenti tad-dawl fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija fejn id-dawl jiġi jagħti għal ġo Triq Baskal Xuereb. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.09 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kellimnix lill-kuntrattur li kien ħadem madwar sena ilu fi Triq tas-Sejba fejn ħalla t-trinka mingħajr reinstatement. Is-S.E. qaltlu li ma sabitx min kien il-kuntrattur filwaqt li l-Kunsillier Ghigo qal li l-kuntrattur kien *Rock Cut* għax kien ikkomunika miegħu wara li kien ħalla borġ skart ta' kostruzzjoni fit-triq wara li kien lesta x-xogħol. Il-Kunsillieri reġgħu qablu li għandna niktbulu biex jiffinalizza x-xogħol kif suppost.

10.05.10 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk tistax issir iktar pressjoni mal-*Cleansing Department* biex Triq tas-Sejba tibda tinkines iktar regolari. Is-Sindku qalet li l-għan hu li t-tindif tagħha jsir darbtejn fix-xahar. Madanakollu jibqa' l-fatt li l-problema se tibqa' hemm jekk mhux se jsir biżżejjed infurzar min-naħa tal-ERA. Is-Sindku fakkret ukoll fil-laqgħa li kienu preżenti għaliha hi, l-Kunsillier Galea u s-S.E. fejn l-*ERA* kienet rrimarkat li peress li l-Imqabba hija post il-barrieri, ma jista' qatt it-trab ikun 0%. Il-Kunsillier Galea insista li almenu darba fix-xahar xorta waħda għandha ssir mill-ħaddiema tal-*Cleansing Department*, li huma attrezzzati bl-inġenji addattati. Il-Kunsillieri iddiskutew fit-tul dwar dan u kien hemm qbil li għandna niktbu lill-*ERA* fejn tinġibed l-attenzjoni li mill-aħħar laqgħa magħhom sal-lum, baqa' kollox l-istess.

10.05.11 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar jekk saritx il-manutenzjoni fuq il-funtanta tal-Ġnien tal-Mentna. Il-Viċi Sindku infurmah li x-xogħol se jsir fit-tieni ġimgħa ta' Frar. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.12 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk għandnix risposta dwar l-enumerar tal-arbli tad-dawl fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Is-Sindku infurmatu li ntbagħtet tfakkira wara li ġejna infurmati mill-Enemalta li l-każ ġie referut lis-Sezzjoni konċernata. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.13 Il-Kunsillier Galea staqsa dwar l-*ispeed limit road markings* fi Triq il-Ħajt tal-Matla jekk kienux saru. Is-S.E. infurmatu li sari r-rinfriskar tal-marki eżistenti filwaqt li saret talba lil TM sabiex jiżdiedu iktar minnhom fl-istess triq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.14 Il-Kunsillier Galea staqasa jekk id-*dog bin* li ġie nstallat biswit il-Kappella tad-Duluri, jistax jinqala' ftit iktar 'l barra biex jintlaħaq aħjar sabiex jintuża. Is-Sindku ma qablitx li l-imsemmi bin għandu jiċċaqlaq minn fejn qiegħed, kemm għax jinsab f'post tajjeb u kemm biex ma jagħtix ikrah fil-għajn b'rispett anke minħabba l-Kappella.

10.05.15 Il-Kunsillier Galea staqsa jekk il-bankina li qed isir ix-xogħol fuqha fi Triq tas-Sejba, hix ser titkompla peress li sar gandott u donnu waqaf ix-xogħol. Is-Sindku infurmatu li l-bankina se tieqaf saż-*zebra crossing*, filwat li l-biċċa l-oħra ser tingħalaq mill-ġdid għaliex dak kien żball tal-kuntrattur li ħaffer biċċa żejda. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.16 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk il-linji doppji sofor li kienu saru minn IM meta inksiet mill-ġdid Triq in-Nazzarenu, ġewx imkejla mill-ħaddiema tal-Kunsill peress li dawn il-linji jidhru li ġew ferm itwal minn kemm suppost għandhom ikunu twal skond il-liġi. Tant li bihom naqas anke spazju ta' parkeġġ. Is-S.E. infurmatu li għandha l-qisien u li se tkun qed tibgħathom fiċ-*chat*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.17 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*litter bin* li kien naqas minn Triq iċ-Ċavi k.m. Triq Santa Marija, biswit id-*dog bin*. Is-S.E. infurmatu li ma sibnix eżatt bħal li kien hemm qabel. Is-Sindku tablet sabiex nitolbu stima għal wieħed differenti li joqgħod fil-post kif ukoll għal oħrajn li jkunu *Mixed Waste Recycling Bins* għal Ġnien Tfal ir-Raħal. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.05.18 Il-Kunsillier Ghigo tkellem dwar tabelli tat-triq milquta fi Triq Ħal Kirkop. Is-Sindku tablet lis-S.E. biex tibgħat lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jirranġawhom. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**10.06 *Performance Appraisal* tal-impjegati (amministrazzjoni)**

10.06.01 Is-Sindku infurmat li hi flimkien mas-S.E. iltaqgħu u iddiskutew mal-impjegati klerikali tal-Kunsill dwar il-*performance* tagħhom matul is-sena 2024. L-*Assistant Principal* Marilyn Ellul ġiet assessjata fuq 7 xhur u nofs biss peress li hija bdiet taħdem mal-Kunsill minn nofs April 2024. Il-persentaġġ li s-Sindku u s-S.E. qablu li għandu jiġi rakkomandat biex jingħata liż-żewġ ħaddiema klerikali huwa dak ta' 5% minn massimu ta' 6%, fejn anke huma stess qablu mal-ammont. Is-Sindku kompliet li dan il-persentaġġ huwa suġġett li jiżdied jekk ningħataw direzzjoni mid-Dipartiment biex il-*performance bonus* għas-sena 2024 jingħata skond il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali li għadu kemm ġie ffirmat f'Jannar 2025, fejn il-massimu huwa dak ta' 10% u mhux 6%. Il-Kunsillieri preżenti qablu li għandu jingħata 5% kif rakkomandat filwaqt li tingħata id-differenza fl-eventwalità li l-*bonus* irid jinħadem fuq massimu ta' 10% flok fuq massimu ta' 6%.

**10.07 Aġġornament Restawr tal-Isptar il-Qadim**

10.07.01 Is-Sindku infurmat li x-xogħol ta' restawr beda fl-Isptar il-Qadim, fejn tneħħew ukoll it-tlett ġebliet kbar kif kien maqbul li jsir. Se ssir ukoll laqgħa fuq il-post mal-*SCH*.

10.07.02 Is-Sindku kompliet li meta snin ilu ġie rrestawrat l-ewwel darba l-Isptar il-Qadim, ir-restawr ma sarx skond l-arti u s-sena, fosthom fejn ma kienx inutża hydraulic lime għall-fili, ħafna mill-ġebla ddeterjorat. Għaldaqstant minkejja li l-Perit qal li l-*contingency* kien ġie maħsub, huwa xorta ntalab jagħtina l-qisien eżatti biex naraw kemm ikunu l-*variations* jekk ikollu

jsir ix-xogħol fuq il-fili minn ġewwa wkoll. Sadanittant qed isir ix-xogħol fuq il-fili minn barra kif inhuma nklużi fil-kuntratt.

10.07.03 Is-Sindku kompliet tispjega li għal dan ix-xogħol għandna EUR81,000 fondi allokati li konna bbenefikajna minn skema, fejn imbgħad id-differenza trid tinħareġ mill-fondi tal-Kunsill. Madanakollu hija infurmat li għandha tinħareġ skema oħra li l-massimu tal-fondi li wieħed jista' jibbenefika minnhom huwa ta' madwar EUR100,000 u din għandna napplikaw żgur għaliha. Dan sabiex ikollna fondi biex l-Isptar il-Qadim jiġi ffinixxjat bl-għamara tal-uffiċini wkoll.

10.07.04 Is-Sindku infurmat li x-*shelter* mhux ser jitnaddaf għax skond il-Viċi Sindku, li nieżel hu personalment jara, qal li m'hemmx xogħol xi jsir. Apparti minn hekk hija qalet li jkun iktar aqli li l-fondi nutilizzawhom fuq dak li bilfors jintħtieġ li jsir bħalma huwa l-*membrane* ta' fuq il-bjut, l-ittestjar u l-manutenzjoni tat-travi, kif ukoll il-ġardina. Dawn tal-aħħar, li m'humhix parti mit-*tender*, jinħtieġ li jkollna l-istimi għalihom, fejn is-Sindku fakkret lis-SE biex tinsisti għall-istimi fosthom tal-*membrane* li kienet diġà talbitha.

10.07.05 Il-Kunsillieri ddiskutew u ħadu nota ta' dawn il-punti kollha.

**10.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji tat-Tielet u tar-Raba' Kwart**

10.08.01 Is-SE infurmat li r-Raba' Kwart ma laħaqx ġie ffinalizzat mill-*Accountant* tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsillieri qablu fuq ġurnata (19 ta' Frar) meta tista' ssir laqgħa oħra fejn għandha tkun preżenti anke l-*accountant* sabiex tagħti l-ispjega tagħha u eventwalment jiġu approvati r-rapporti finanzjarji biex jiġu sottomessi sad-data mitluba mid-Dipartiment.

10.08.02 Rigward it-Tielet Kwart, li kien ippreżentat lill-Kunsillieri mis-SE, is-Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar xi figuri li jaqgħu taħt numru ta' voti li xtaqet *breakdown* dettaljat dwarhom. Il-Kunsillieri qablu li s-SE titlob din l-informazzjoni lill-*accountant* biex tkun provduta sal-laqgħa skedata.

**10.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Unaudited Financial Statements* għas-Sena 2024**

10.09.01 Is-SE infurmat li l-*Unaudited Financial Statements* għas-Sena 2024 se jkunu għandna waqt il-laqgħa skedata għad-19 ta' Frar 2025, flimkien mar-Raba' Kwart, peress li dawn ukoll ma laħqux ġew iffinalizzati mill-*Accountant* tal-Kunsill, u li wkoll iridu jiġu sottomessi lid-Dipartiment sa mhux iktar tard mill-21 ta' Frar 2025.

**10.10 Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

10.10.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni.

**10.11 Korrispondenza u Ordnijiet ta' Xogħlijiet**

10.11.01 Reżenja tal-*Assistant Principal* Marilyn Ellul. Is-SE qrat il-korrispondenza filwaqt li kien hemm diskussjoni qasira dwar dan anke b'referenza għal dak li s-Sindku kienet diġà semmiet fil-Komunikazzjoni tagħha f'din l-istess laqgħa. Kien hemm qbil li jiġi ċċekkjat

sew mal-HR tad-Dipartiment sabiex il-vakanza toħroġ tajba mill-ewwel u skont ukoll il-Ftehim Kollettiv il-ġdid għall-ħaddiema klerikali.

10.11.02 Stima reveduta mingħand il-Kuntrattur tal-Kunsill, KOPTASIN dwar il-marki tat-triq ġodda fi Triq tas-Sejba. L-ammont nieżel għal EUR 2,950.00 u kien hemm qbil li tintbgħat l-ordni biex isiru dawn il-marki.

10.11.03 Korrispondenza mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-ewwel parti tal-pakkett tal-iskemi ta' finanzjament 2025 – SPI.SCI.02.2025 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 18 ta' Marzu 2025) / SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 22 ta' April 2025) / u SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2025). Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dawn l-iskemi filwaqt li qablu li għandna napplikaw għalihom.

10.11.04 Korrispondenza mingħand is-Sezzjoni Żgħażagħ Madonna tal-Ġilju li tinkludi stimi relatati mal-kummiedja bl-isem 'Mawra sal-Ġungla' li ser itellgħu b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba nhar it-22 u t-23 ta' Frar 2025.

10.11.05 Korrispondenza mingħand il-Kuntrattur tal-Kunsill, Nexos Street Lighting, fejn bagħtilna żewġ stimi differenti rigward id-dawl ġdid tat-triq għal Sqaq Nru 1 fi Triq Valletta. Waħda minnhom li tammonta għal EUR 5870.00 li tinkludi l-*cables* u żewġ lanterni LED, filwaqt li l-oħra tammonta għal EUR 2796.60 li tinkludi lanterni LED imma *solar*. Il-Kunsillieri ddiskutew dwar dawn, fejn is-Sindku qalet li peress li l-ispiża mhix waħda baxxa, ser tikkomunika mal-Korporazzjoni Enemalta u kif ikollha rispons, tkellimna lura. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**10.12 Ilmenti u Suġġerimenti**

10.12.01 Il-Kunsillier Galea semma li xi ħadd avviċinah dwar l-interess li għandu fil-gabbana ta' Ġnien Tfal ir-Raħal. Is-Sindku qalet li fl-opinjoni tagħha jekk l-imsemmija gabbana se tkun qed topera, żgur li se jinħoloq inkonvenjent għar-residenti bl-irwejjaħ tal-ikel, bl-istorbju u l-parkeġġ. Hija kompliet li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iridx li din il-gabbana tibda topera u mbgħad jekk ikun il-każ, issir laqgħa mal-individwu interessat. Issemma wkoll il-fatt li ladarba l-latrina pubblika ser tinbidel fi *store*, il-ġnien mhux se jkun mgħammar b'latrina pubblika. Il-Kunsillieri komplew jiddiskutu dwar dan u fl-aħħar kien hemm qbil li ssir laqgħa mal-individwu, li ġiet skedata għal ftit ħin qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

10.12.02 Il-Kunsillier Galea tkellem dwar l-iskema Vjal Kulħadd fejn staqsa jekk konniex nafu biha u jekk iva għal liema raġuni m'applikajnix. Is-Sindku infurmat li hi ma kienetx attendiet għat-tnedija tagħha għaliex fl-opinjoni tagħha fl-Imqabba m'għandnix pjazez u /jew spazji pubbliċi li nistgħu nibdluhom f'pedonali. Hija spjegat ukoll li mhux possibbli li kull skema li toħroġ bilfors napplikaw għaliha, speċjalment meta nkunu ċerti li x'aktarx il-Kunsill ikun irid jagħmel tajjeb għal ċertu studju u perizja minn qabel, fejn eventwalment jaf ma tikkwalifikax. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.12.03 Il-Kunsillier Sciberras tkellem dwar il-boroż tal-iskart li qed jitħallew ħdejn il-Kappella ta' Santa Katerina mill-kenniesa tal-*Cleansing Department*. Is-Sindku infurmat li r-raġuni hija li nhar ta' Sibt mhux qed jinġabru dawn il-boroż u allura qed jibqgħu fit-triq sat-Tnejn

filgħodu. Hija kompliet li se tkellem lill-*Cleansing Department* dwar dan. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

10.12.04 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment li l-gutter li tnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill fi Triq tat-Torba, hemm bżonn li jinfetaħ u jitnaddaf minn ġewwa wkoll. Is-SE spjegat li fis-sit imsemmi, il-ħaddiema marru jaqtgħu ħaxix ħażin u jiżbru siġra li ffullat għal ġot-triq, filwaqt li l-kenniesa kinsu l-istess żona. Is-Sindku talbet lis-SE tibgħat lill-ħaddiema jnaddfu l-imssemi sprall. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Il-Viċi Sindku telaq mil-laqgħa fit-8:00 pm***

**10.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/10**

10.13.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/10 ġiet approvata unanimament.

**10.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

10.14.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 11 ta' Marzu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |